MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Numru 259/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**SABER SHABAN ELKEKLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Saber Shaban Elkekli ta 30 sena, bin Shaben Elkekli u Tumija nee Said mwieled nhar is 2 ta Gunju 1979 Tripoli u residenti no 75 Don Vito Flat no 4 Triq tal-Bilbel San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta l- identita numru 22501A.

1. Gie akkuzat talli, nhar fil-11 ta' Marzu 2010 f'Bugibba San Pawl il Bahar ikkommetta serq ta kontanti ta valur aktar minn 23.30 euros u anqas minn 6990 euros

ghad dannu ta Ivan Camilleri liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-hin

2. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi mghotija mill- Qorti ta Malta liema sentenzi saru defenittiv u ma jistawx jigu appellati..

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 5 ta' Awwissu, 2010 u nnutat li l-imputat Saber Shaban Elkekli m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fi kwezit (2) tan- Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 5 ta' Awwissu, 2010, iddikjarat li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Saber Shaban Elkekli, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali ta’ l-imputat, tikkundanna lill-imputat Saber Shaban Elkekli ghal-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Rigward it-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fi kwezit (2) tan-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 5 ta’ Awissu, 2010, fid-dawl ta’ dak mitlub u dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------